# IL-ĦAMRUN MATUL IL-GWERRA

minn Ivan Buġeja

Issa li għaddew aktar minn sittin sena minn tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija, ftit huma dawk li jiftakru minn xiex għadda l-poplu Malti, li għal snin sħaħ ġarrab il-qilla tal-gwerra. Snin sħaħ ta' tensjoni liema bħala, b'ħafna nuqqasijiet essenzjali, fit-tiġrif u f'inċertezza kbira.

Fi żmien il-gwerra naraw illi l-popolazzjoni tal-Ħamrun żdiedet ġmiela u dan għall-fatt illi eluf ta' nies, l-aktar mill-inħawi tal-Kottonera sabu refuġju fil-Ħamrun sabiex jeħilsu mill-bumbardamenti kontinwi tal-Ġermaniżi u tat-Taljani. Ta' kuljum it-tarzna u l-inħawi tal-Port il-Kbir kienu jiġu attakkati u dan sabiex jiddgħajfu l-infrastrutturi għat-tiswija tal-bastimenti navali tal-Ingilterra.



Minħabba din iż-żieda fil-popolazzjoni, il-Ħamrun sar post mill-aktar attiv u għalhekk l-awtoritajiet għamlu minn kollox sabiex isaħħu s-servizzi umanitarji li kienu tant bżonnjużi għaċ-ċittadini li mlew kull rokna vojta tal-Ħamrun.

Fl-1 ta' Ġunju tal-1940 naraw illi fil-Ħamrun twaqqfu l-kwartieri tal-*Air Raid Precautions* (A.R.P.). Dan c-centru nfetaħ fl-istitut ta' Fra Diegu u l-għan prinċipali tiegħu kien li jispjega u jgħallem lin-nies ċivili x' kellu jsir f'każ ta' xi attakk mill-ajru u anki sabiex jagħtu l-ewwel għajnuna wara xi bumbardament. Fil-fatt mhux l-ewwel darba li saru eżerċizzji sabiex f'kas t'eventwalità l-poplu kien ikun jaf x'għandu jagħmel.

*ikompli f'paġna 57*

Wieħed minnhom kien sar ftit ġranet wara l-ftuħ taċ-ċentru u dan ma kien xejn ħlief *Blackout Practice*. Dakinhar kienet ingħatat l-ordni sabiex jintfew id-dwal kemm tad-djar kif ukoll tat-toroq ħalli b'hekk mill-ajru ma jkun jidher xejn ħlief dlam ċappa!! Dan l-eżerċizzju kien beda fl-għaxra ta' bil-lejl u baqà sejjer sa sbieħ l-għada filgħodu. Naraw illi dan l-eżerċizzju kien baqà sejjer kull lejl, sakemm l-awtoritajiet kienu sodisfatti b'dak li kien qed isir. Imbagħad, aktar tard matul s-snin tal-gwerra u meta l-qilla tal-attakki żdiedet sew, naraw illi din il-proċedura kienet saret xi ħaġa regolari u ta' kull lejl.




Iċ-ċentru tal-A.R.P. kien immexxi minn supretendent u mill-assistent tiegħu li kien surġent-maġġur. Magħhom kien hemm tliet surġenti, tabib, qassis u madwar tletin *Air Raid Warden*. Iċ-ċentru kien mgħammar b'kull ħaġa li kienet tkun meħtieġa f'kas ta' tiġrif ta' xi bini. Kellu wkoll sirena li xogħlha kien li tgħarraf lill-poplu li kien ġej attakk mill-ajru u għalhekk ikun aħjar jekk imur u jsib post għall-kenn f'xi xelter taħt l-art.

Barra dan iċ-ċentru, fil-Ħamrun, l-awtoritajiet fetħu wkoll sptar tal-emerġenza għan-nies midruba. Dan kien infetaħ fil-*Bugeja Technical Institute* (illum Santa Venera) u fih kienu jiddewwew u jiġu operati l-midruba li jkunu weġġgħu waqt xi ħbit mill-ajru. Fl-1940 infetaħ ukoll sptar tal-maternità b'mitt sodda fl-Istitut ta' Cini. Fil-Ħamrun, l-awtoritajiet kienu ħatru wkoll *District Medical Officer* (D.M.O.) u *Assistant* D.M.O. sabiex jassistu lill-poplu fil-ħtiġijiet sanitarji. Imbagħad fid-19 ta' Ġunju 1940, l-Avukat J. Pace inħatar District Commissioner biex jgħin lill-poplu jgħix bl-aħjar mod possibbli.

Kif diġa għedna, minħabba n-numru kbir ta' refuġjati, l-awtoritajiet waqqfu wkoll il-*Communial Feeding Services* jew kif kienu magħrufa l-*Victory Kitchens*. Dawn ma kienu xejn ħlief postijiet li jservu l-ikel lin-nies l-aktar fil-bżonn. Ta' kuljum dawn il-kċejjen kienu jippreparaw l-ikel għal madwar mitejn persuna. Dan kien ivarja minn xi ftit minestra

*ikompli f'paġna 59*

sa xi naqra laħam, l-aktar tal-mogħoż. Iżda mbagħad minn Jannar tal-1942 is-servizz tjieb kemmxejn u hawnhekk l-awtoritajiet biddlu l-lista tal-ikel provdut. Din kienet taqra hekk:

*Il-Ħadd - Stuffat tal-laħam bit-tadam u l-fażola.*
*It-Tnejn - Għagin bit-tadam u l-ġobon.*
*It-Tlieta - Balbuljata bit-tadam u t-trab tal-bajd.*
*L-Erbgħa - Minestra tal-ħaxix.*
*Il-Ħamis - Stuffat tal-laħam bit-tadam u l-fażola.*
*Il-Ġimgħa - Minestra tal-ħaxix.*
*Is-Sibt - Għaġin bit-tadam u l-ġobon.*

Jingħad illi l-*Victory Kitchen* li kien hemm ġewwa Triq Barth, il-Ħamrun kienet fost l-aqwa li kien hawn ġol-pajjiż. Sorsi uffiċċjali kienu qalu li *"il-Victory Kitchen ta' Triq Barth kienet toffri servizz eċċellenti u iġeniku ħafna.........kienet qed tiġi mmexxija b'sengħa, b'għaqal u b'organizazzjoni kbira."*




Interessati wkoll kien l-fatt illi f'Jannar tal-1942, fil-Ħamrun kien hemm 769 persuna bla xogħol. Matul l-istess snin numru t'istituzzjonijet governattivi mxew lejn il-Ħamrun, fosthom id-dipartiment tal-ilma u l-elettriku, tal-agrikultura, tal-posta u tal-qorti *(Lower Courts)*. Tajjeb ngħid ukoll, illi għal xi snin, matul il-gwerra fil-Ħamrun kien hemm tliet teatri taċ-ċinema. Dawn kienu l-Odeon, ir-Rex u t-Trianon.

Nagħlaq dan ir-rakkont qasir billi nikkwota silta minn kanzunetta li kienet fuq fomm ħafna minn dawk li għexu fi żmien il-gwerra.

*Kelli dagħjsa illi biha kont nistgħad,*
*Ġiet il-lieva u ġabruni għal suldat,*
*Minn sinjur ġabuni fqir,*
*Kelli nuża l-azzarin,*
*Singing ya ya yuppie yuppie ya!!*